l-aċċent

Suppliment speċjali mal-Ħarġa 19

# L-isfidi tal-Lussemburgiż u tal-Malti: kif lingwi ta' komunitajiet żgħar jissopravivu f'realtà multilingwi



Ritratt: Kenneth Borg

## Daħla

Meta wieħed jemigra, jekk ikollu ċ-ċans, jagħżel li jmur f'pajjiż fejn ikun jista' juża lingwa li diġà jaf. Ulied in-nanna Venut ftit li xejn kienu jafu Ingliż, u batew sew meta waslu l-Amerka. Is-sitwazzjoni ta' bosta minna li ġejna naħdmu mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-aktar bħala tradutturi, kienet differenti. Minkejja li lkoll għaddejna minn episodji traġikomiċi meta tlajna hawn, u li setgħu faċilment jidħlu kexxun f'xi kapitli tal-opra letterarja ta' Ġwann Mamo, biex ġejna Brussell u l-Lussemburgu kellu bilfors ikollna edukazzjoni għolja. Apparti l-Malti, bilfors ridna nkunu nafu nitkellmu b'lingwa uffiċjali oħra tal-UE, jekk mhux tnejn. Għall-ġenerazzjoni tal-biċċa l-kbira tagħna li twelidna bejn is-sittinijiet u t-tmeninijiet, li tkun trilingwi kienet tant naturali li ħafna minna setgħu japplikaw biex jaħdmu mal-istituzzjonijiet imqar jekk l-iskola, formalment, qatt ma tgħallmu lingwa oħra apparti mit-tnejn uffiċjali.

Jiġifieri kellna punt tat-tluq differenti mill-karattri ta' Mamo, għax għalkemm emigrajna biex ikollna opportunitajiet ta' xogħol aħjar, tlaqna minn Malta armati bi tliet lingwi jew aktar. Imma meta wasalna l-Belġju u l-Lussemburgu sibna wkoll varjetà ta' kulturi u ta' lingwi bħalma sabu Armaużarma u Filiċ: kemm huma u kemm aħna morna naħdmu f'pajjiżi li fihom tgħix popolazzjoni ta' oriġini mżewqa sew u li titkellem lingwi differenti. Uħud minna marru l-Belġju, pajjiż fundatur ieħor tal-Unjoni Ewropea, li għandu tliet ilsna uffiċjali: il-Franċiż, il-Ġermaniż u l-Olandiż. M'għandux lingwa li tidentifika lill-poplu tiegħu bħala wieħed. Oħrajn, bħalna t-tradutturi li naħdmu mal-Kummissjoni Ewropea, ġejna l-Lussemburgu: pajjiż tmien darbiet akbar minn Malta, imma tista' tgħid bl-istess għadd ta' abitanti. Magħkom xtaqna naqsmu ftit tagħrif dwar dan il-pajjiż ċkejken bħalma hi Malta, anki hu b'lingwa nazzjonali għalih li għalkemm tintuża ħafna fid-djar u fuq ir-radju, għadha tbati f'dik li hi viżibbiltà: taraha ferm inqas miktuba. Bħal ilsienna, il-Lussemburgiż huwa lsien imħallat: xorob sew mill-Ġermaniż, mill-Olandiż u mill-Franċiż. Hemm min iqisu biss bħala djalett Ġermaniż għax jixbah ferm id-djaletti mitkellma fiċ-ċentru tal-Punent. Imma mbagħad hemm min jisħaq illi kieku l-Lussemburgiż kien biss djalett tal-Ġermaniż mitkellem hemmhekk, ma kienx ikun magħmul ukoll minn għadd ġmielu ta' kliem ta' nisel Franċiż li maż-żmien integra sew fih.




| | Malta | Il-Lussemburgu |
|---|---|---|
| **Erja** | 316 km$^2$ | 2 586,4 km$^2$ |
| **Popolazzjoni** | 475 000 | 613 894 |
| **Persuni barranin** | 98 918 (21 %) | 312 472 (50,9 %) |
| **Lingwa nazzjonali** | il-Malti | il-Lussemburgiż |
| **Lingwa/i uffiċjali** | il-Malti u l-Ingliż | il-Lussemburgiż, il-Franċiż u l-Ġermaniż* |
| **Jitkellmu lingwa oħra barra dik materna** | 93 % | 98 %<br>61 % jitkellmu 3 lingwi oħra |
| **Ħiliet f'tal-inqas 2 lingwi barranin** | 59 % | 84 % |
| **Awtorità lingwistika** | Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti | Il-Kunsill Permanenti dwar il-Lingwa Lussemburgiża |
| **Reliġjon ewlenija** | Kattolika 93.9% | Kattolika 87 % |
| **Ġurnali** | 14: (7 bl-Ingliż, 7 bil-Malti) | 11: 2 bilingwi (Franċiż u Ġermaniż), 3 bil-Franċiż, 3 bil-Ġermaniż, 1 bil-Portugiż, 1 bl-Ingliż, 1 bil-Lussemburgiż |
| **Stazzjonijiet tat-televiżjoni** | 8 (kollha bil-Malti) | 2 (bil-Franċiż u bil-Lussemburgiż) |
| **Stazzjonijiet tar-radju** | 12: 1 bl-Ingliż u 11 bil-Malti | 6: 3 bil-Lussemburgiż, 1 bil-Franċiż, 1 bl-Ingliż, 1 bil-Portugiż |

* Il-Lussemburgu jqis dawn il-lingwi bħala ilsna amministrattivi u ġuridiċi.

Hu x'inhu l-każ, f'dan is-suppliment xtaqna naqsmu mal-qarrejja tagħna ftit tagħrif dwar il-lingwa nazzjonali tal-Lussemburgu: fejn tinsab u fejn sejra. Ħadna l-okkażjoni biex nistiednu lill-awtoritajiet lingwistiċi tal-ilsien Malti u tal-ilsien Lussemburgiż iwieġbu ftit mistoqsijiet dwar l-istatus tal-lingwa llum, u dwar fejn jarawha għada pitgħada. Għal-Lussemburgiż tkellimna mal-Kummissarju tal-Lingwa (Marc Barthelemy) li huwa l-ewwel wieħed li qed jokkupa din il-kariga li nħolqot biss sena ilu. Għall-Malti intervistajna lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti flimkien (Joe Friggieri u Thomas Pace). Nirringrazzjawhom tal-ħin li tawna.

## L-istorja tal-lingwa Lussemburgiża




Għalkemm il-Lussemburgiż sar il-lingwa nazzjonali biss fl-1984, għandu għeruq li jmorru lura sal-Medju Evu. L-istorja tal-Lussemburgu miżgħuda b'episodji ta' tensjonijiet politiċi li ġew riflessi fil-lingwa. Fis-seklu erbatax, il-pajjiż kien diġà bilingwi: l-ilsna amministrattivi kienu l-Ġermaniż u l-Franċiż fil-forom antiki tagħhom. Fi żmien l-ewwel ħakma Franċiża fl-1684, il-Ġermaniż ġie pprojbit u l-influwenza Franċiża, anke fil-lingwa, żdiedet ħafna f'dan iż-żmien. Dawn il-kunflitti storiċi li kienu qed iwasslu għal alternanza fil-prijorità bejn dawn iż-żewġ lingwi kbar baqgħu għaddejjin anke matul il-perjodu tal-indipendenza tal-Lussemburgu permezz tat-Trattat ta' Londra fl-1839. Episodju importanti seħħ qabel it-Tieni Gwerra Dinjija meta l-Lussemburgiżi rnexxielhom jittrasformaw ċensiment li kien qed isir mill-okkupanti Ġermaniżi fi kwistjoni dwar il-lingwa materna. Fih il-Lussemburgiżi pproklamaw il-Lussemburgiż bħala l-uniku lsien matern tagħhom. Minn dak iż-żmien il-Lussemburgiż baqa' jikber anke bl-inklużjoni ta' ħafna vokabularju Franċiż, u dan b'reazzjoni għall-kriżi tal-identità u t-trawma kkawżata mill-Ġermaniżi fiż-żewġ gwerer.

Illum il-ġurnata l-Lussemburgiż, il-Franċiż u l-Ġermaniż ilkoll għandhom l-istatus ta' lingwi amministrattivi u ġudizzjarji li jiffurmaw din ir-realtà ta' trilingwiżmu sinkronizzat. Il-Kostituzzjoni ma ssemmix lingwi uffiċjali imma tgħid li jistgħu jintużaw it-tlieta li huma, tant li meta ċittadin iressaq mistoqsija bil-Lussemburgiż, bil-Ġermaniż jew bil-Franċiż, l-amministrazzjoni kemm jista' jkun għandha twieġbu bl-istess lingwa li jkun uża hu.

Filwaqt li l-atti leġiżlattivi jinkitbu biss bil-Franċiż, id-dibattiti fil-Parlament saru jkunu kollha bil-Lussemburgiż. Il-Kamra tad-Deputati sar għandha servizz apposta biex jara li l-Lussemburgiż li jintuża jinkiteb tajjeb. Ta' min jinnota wkoll li fil-kampanji elettorali, il-partiti sistematikament jużaw il-Lussemburgiż biex iwasslu l-messaġġi tagħhom.

Qabel ma fl-UE daħlu l-pajjiżi tal-Lvant, kien hemm min jibża' li għad jasal żmien fejn is-saħħa tal-Franċiż tista' tkun ta' detriment għal-Lussemburgiż. Imma minħabba li fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant il-Franċiż huwa lingwa barranija, mal-influss tal-immigranti minn dawn il-pajjiżi ġara li fil-Lussemburgu beda jinxtered sew l-Ingliż. Tant hu hekk li llum ħafna mis-



Ritratt: Kenneth Borg

Il-mużew nazzjonali bis-senjaletika trilingwi

sinjali f'postijiet pubbliċi jinkludu l-Ingliż mal-Franċiż u l-Ġermaniż. Fl-istess ħin, il-Franċiż ma kompliex jikber b'mod li jdgħajjef il-Lussemburgiż, minħabba li l-eluf ta' immigranti ġodda l-Franċiż ma kinux jafuh. Mhux talli hekk, talli fil-Lussemburgiż raw it-triq għall-integrazzjoni tagħhom fil-pajjiż, u l-lingwa ħadet saħħa ġdida.

## It-tagħlim tal-lingwi fl-iskejjel tal-gvern

Minħabba l-għadd ta' immigranti fil-Lussemburgu, li jammontaw għal madwar nofs il-popolazzjoni, ir-rata ta' tfal żgħar li l-lingwa materna tagħhom hija l-Lussemburgiż qiegħda tonqos. Jgħoddu biss terz. Fl-istess waqt dejjem qed jikber in-numru ta' dawk li minn ta' età żgħira diġà jkunu jafu jużaw żewġ lingwi b'mod tajjeb ħafna. Is-sistema edukattiva taħseb biex tintroduċi l-lingwa nazzjonali lill-istudenti mill-aktar fażi bikrija, saħansitra qabel jibdew l-iskola primarja. Fiċ-ċentri pubbliċi li jindukraw lit-tfal żgħar ta' bejn xahrejn u erba' snin (hawnhekk magħrufin bħala l-crèches), uħud minnhom wild ġenituri li l-Lussemburgiż għadhom ma tgħallmuhx, il-komunikazzjoni tkun bil-Lussemburgiż. Fil-crèches privati l-lingwa prinċipali hija l-Franċiż, imma bis-saħħa ta' liġi riċenti, dawn iċ-ċentri huma obbligati jġibu edukatur biex ikellem lit-tfal bil-Lussemburgiż tal-inqas siegħa kuljum.

It-tfal żgħar kollha li jiġu fil-pajjiż minn barra (mhux imwielda l-Lussemburgu) jiġu offruti taħriġ sistematiku fil-Lussemburgiż bħala lingwa

> "... bis-saħħa ta' liġi riċenti, dawn iċ-ċentri huma obbligati jġibu edukatur biex ikellem lit-tfal bil-Lussemburgiż tal-inqas siegħa kuljum."



barranija. Dawn l-aħħar ħmistax-il sena bdew jiġu żviluppati għodod pedagoġiċi proprju għal dan il-għan. Imbagħad hemm it-tfal li jaslu l-Lussemburgu meta jkunu diġà tfarfru sew. Fis-sekondarja jingħataw lezzjonijiet introduttorji lil dawk li jaslu l-Lussemburgu meta jkollhom bejn l-għaxar u t-tnax-il sena u li ma jkunu jitkellmu la l-Lussemburgiż, la l-Ġermaniż u lanqas il-Franċiż.

Minn meta jkollhom sitt snin sa meta jagħlqu ħdax, l-istudenti kollha jitgħallmu jiktbu u jaqraw bil-Ġermaniż u mbagħad bil-Franċiż. Minkejja li fil-primarja huwa mandatorju li l-istudenti jitgħallmu jitkellmu u jaqraw il-Lussemburgiż, jiddependi biss mill-għalliem tagħhom jitgħallmux *jiktbu* bih ukoll. Għall-adulti li jixtiequ jitgħallmu jiktbu bil-Lussemburgiż, isiru korsijiet apposta. Minkejja li tradizzjonalment hemm min jara fil-lingwa waħda mitkellma biss, hemm indikazzjonijiet li l-media soċjali qed tagħmel il-Lussemburgiż miktub aktar viżibbli, peress li huwa l-lingwa ppreferuta tal-ġenerazzjoni żagħżugħa. Jista' jagħti l-każ li minħabba li f'kuntesti informali, iż-żgħażagħ imdorrijin jeqilbu għal-Lussemburgiż, biex jikkomunikaw bejniethom bil-miktub fuq l-internet qed jagħżlu l-istess lingwa (mhux neċessarjament jiktbuha b'mod korrett).

Fl-ewwel snin tas-sekondarja t-tagħlim ta' bosta suġġetti jibqa' jsir bil-Ġermaniż, imma iktar tard il-korsijiet kollha (sintendi minbarra dawk tal-lingwa) jaqilbu għall-Franċiż filwaqt li l-Ġermaniż jibqa' prevalenti fl-edukazzjoni vokazzjonali. B'mod aktar ġenerali, l-ispjegazzjoni waqt il-lezzjonijiet tkun bil-Lussemburgiż u biż-żewġ lingwi l-oħra.

L-istudenti Lussemburgiżi li jattendu l-iskejjel tal-gvern joħorġu mill-iskola jafu jitkellmu u jiktbu bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Ingliż, għax l-Ingliż hu suġġett obbligatorju fl-iskola sekondarja. Għalkemm kollha jkunu tgħallmu l-

Lussemburgiż, mhux kollha jkunu jafu jiktbu bih. F'dan il-livell l-istudenti jistgħu jagħżlu li jżidu l-Latin, l-Ispanjol jew it-Taljan. It-taħriġ fil-lingwi matul il-karriera skolastika kollha jammonta għal 50 % tal-kurrikulu.

Dan kollu għandu l-vantaġġ li meta jiġu għall-edukazzjoni terzjarja, l-istudenti jkollhom għażla kbira fejn ikomplu l-istudji tagħhom: jew jibqgħu il-Lussemburgu jew imorru f'xi università ta' pajjiż ieħor fejn jintużaw il-lingwi li jafu huma. Ma jkollhom ebda ostaklu lingwistiku x'jissuperaw.

## Il-lingwa u r-reliġjon



L-ambjent reliġjuż huwa wkoll laboratorju interessanti għall-analiżi lingwistika tal-pajjiż. Il-Knisja Kattolika fil-Lussemburgu, l-istess bħal Malta, għandha l-akbar kongregazzjoni. L-informazzjoni ppubblikata tkun l-aktar bil-Ġermaniż, filwaqt li s-servizzi u l-prietki jsiru bil-Lussemburgiż. L-istess japplika għall-magħmudijiet, iż-żwiġijiet u l-funerali. Il-lingwa tal-komunikazzjoni reliġjuża tvarja wkoll minn parroċċa għall-oħra skont il-komunitajiet tal-immigranti residenti u l-preferenzi lingwistiċi tagħhom. Xi servizzi parrokkjali jsiru bil-Portugiż, bit-Taljan jew bl-Ispanjol.

## Il-lingwa u l-media

Tradizzjonalment, il-Ġermaniż kien l-ilsien dominanti fejn tidħol l-istampa, imma maż-żmien kemm il-Franċiż kif ukoll il-Portugiż – u aktar reċenti l-Ingliż – żiedu sew l-ispazju editorjali tagħhom. Il-multilingwiżmu hu karatteristika importanti fil-gazzetti fil-Lussemburgu. *L'Essentiel*, gazzetta lokali ta' kuljum li titqassam b'xejn fil-mezzi tat-trasport u f'postijiet pubbliċi, tiġi ppubblikata bil-Franċiż u bil-Ġermaniż.



Ritratt: Kenneth Borg

L-istess il-*Luxemburger Wort*, waħda mill-aktar gazzetti stabbiliti: il-maġġoranza tal-artikli jkunu bil-Ġermaniż imma oħrajn (fosthom l-editorjal) jinkitbu bil-Franċiż (ritratt). Anki fil-verżjoni online, il-qarrej jagħżel il-lingwa li jippreferi.

Fl-1991, il-Lussemburgiż ħa spinta sew ’il quddiem fix-xena medjatika bit-tnedija ta’ programm tal-aħbarijiet ta’ kuljum fuq l-istazzjon RTL Télé Lëtzebuerg, imma l-akbar abbundanza ta’ kontenut medjatiku bil-Lussemburgiż insibuha fuq l-istazzjonijiet tar-radju Lussemburgiżi, kemm lokali kif ukoll dawk nazzjonali, li dejjem ikollhom l-akbar għadd ta’ semmiegħa.

## Il-lingwa fiċ-ċinema u fit-teatru

L-ambjent lingwistiku miftuħ tal-Lussemburgu ppermetta li lingwi oħra bħall-Ingliż, it-Taljan u l-Portugiż jistabbilixxu niċeċ importanti. Fiċ-ċinema, il-films il-kbar, jew li l-iktar jagħmlu suċċess, tista’ tagħżel tarahomx fil-verżjoni oriġinali jew le. Jekk tagħżel il-verżjoni oriġinali, xorta se jkun hemm is-sottotitli b’lingwa oħra jew aktar, normalment il-Franċiż u l-Olandiż. Fis-swali teatrali jittellgħu bosta produzzjonijiet bil-Lussemburgiż, imma anki bil-Ġermaniż, bil-Franċiż u bl-Ingliż. Ix-xogħlijiet teatrali tal-kittieba Franċiżi u Ġermaniżi jittellgħu bl-oriġinal, għax dawk imwielda l-Lussemburgu jsegwuhom faċilment.

## Id-demografija

Il-popolazzjoni tal-Lussemburgu taqbeż is-600,000 imma 48 % huma barranin residenti l-Lussemburgu. Fil-belt kapitali tal-Lussemburgu, il-barranin jgħoddu t-80 %. Kien hemm żmien meta l-pajjiż kien fqir u bosta Lussemburgiżi emigraw lejn ir-Rumanija, Franza u l-Amerki biex isibu xogħol. Imma r-rota daret sew meta lejn tmiem is-seklu 19 hawnhekk instab ħafna mineral tal-ħadid li minnu jsir l-azzar. L-industrija ġabet magħha ħafna flus, u ħafna



immigranti ekonomiċi. Sal-lum hawn parti mdaqqsa ta' residenti Portugiżi (aktar minn 15% tal-popolazzjoni) u bosta Franċiżi, Taljani, Belġjani u Ġermaniżi. Fis-settur bankarju, tant importanti għall-ekonomija Lussemburgiża, l-Ingliż hu l-lingwa predominanti li ġġib flimkien il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti, minn kull rokna tad-dinja.

Barra mill-fatt li nofs ir-residenti huma barranin, kull filgħodu jidħlu fil-pajjiż 'il fuq minn 150,000 ħaddiem mill-pajjiżi ġirien, li jmorru lura pajjiżhom filgħaxija. Minkejja li ma jgħixux fil-pajjiż, qed jiżdied sew l-interess tagħhom biex jitgħallmu l-Lussemburgiż tant li jattendu korsijiet tal-lingwa organizzati u ffinanzjati anki mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Dan il-fenomenu ilu għaddej 12-il sena u r-raġuni hi li l-avviżi ta' impjiegi fil-Lussemburgu (fejn il-pagi huma tajbin u l-prospetti li wieħed isib xogħol huma kbar) jirrikjedu li l-applikant ikun jaf il-lingwa tal-Lussemburgiżi. Ġieli jitqies bħala vantaġġ, ġieli jkun rekwiżit.

Għar-residenti Lussemburgiżi hu perfettament normali li fl-istess ġurnata jużaw aktar minn lingwa waħda. Il-pajsaġġ tal-multikulturaliżmu fil-Lussemburgu, aktar milli jsegwi l-kunċett Amerikan tal-"melting pot" – fejn il-kulturi jidħlu f''borma' waħda u jsiru entità uniku distinta mill-bqija, jista' jitqabbel iktar ma' orkestra b'ħafna strumenti li minkejja li joperaw f'armonija, kull ħoss jibqa' jingħaraf mill-ieħor. Il-lingwi f'dan l-ambjent jittolleraw sew lil xulxin.

## Il-lingwa u ċ-ċittadinanza

Fl-2015 fil-Lussemburgu sar referendum dwar jekk ir-residenti barranin għandhomx jingħataw id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet nazzjonali. 78% taċ-ċittadini Lussemburgiżi vvutaw kontra. Imma minħabba li kollox baqa' juri li l-immigrazzjoni se tkompli tikber, il-gvern ried bilfors jikkunsidra jirriforma l-liġi dwar iċ-ċittadinanza. Jekk sal-1961 il-persentaġġ ta' residenti barranin kien biss ta' 13%, fl-2016 kien diġà tela' għal 47%. Il-konsegwenza kienet li l-persentaġġ ta' nies li setgħu jivvutaw fl-elezzjoni ġenerali beda dejjem jiċkien, kwistjoni serja ta' leġittimità demokratika.

Wara li falla r-referendum tal-2015 dwar id-dritt tal-vot, il-gvern stinka biex iġib il-partiti flimkien fuq riforma fil-liġi tal-għoti taċ-ċittadinanza u din daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April tal-2017. B'kollox, f'dawn l-aħħar għoxrin sena, il-liġi dwar iċ-ċittadinanza ġiet riformata erba' darbiet. Jekk qabel ridt tkun ilek tgħix hawn seba' snin, issa ħames snin huma biżżejjed biex tkun tista' tapplika għaliha. F'dan iż-żmien irid ikun irnexxielek titgħallem titkellem bil-Lussemburgiż. Il-marka finali saret tittieħed minn żewġ testijiet, jiġifieri mqar jekk tmur ħażin f'wieħed, l-importanti li tmur tajjeb sew fl-ieħor. Għal min ilu jgħix hawn għoxrin sena, biżżejjed li jattendi 24 siegħa ta' lezzjonijiet fil-Lussemburgiż f'waħda mill-iskejjel akkreditati. M'hemmx għalfejn jagħmel l-eżamijiet. Responsabbli biex jikkoordina t-tagħlim tal-Lussemburgiż hemm l-INL, l-Istitut Nazzjonali tal-Lingwa. Jagħti 89 kors kull term, u previst bil-liġi biex jagħti l-24 siegħa ta' lezzjonijiet lil min ikun ilu iktar minn 20 sena residenti l-Lussemburgu.

Minn kemm ilha tissemma l-Brexit, kienu bosta r-residenti b'ċittadinanza Ingliża li stinkaw biex jitgħallmu l-Lussemburgiż biex jiksbu ċ-ċittadinanza, u hekk jiżguraw li jekk ir-Renju Unit joħroġ mill-UE, huma jibqgħu fiha.

Il-gvern iqis li din il-liġi l-ġdida dwar kif wieħed jikseb iċ-ċittadinanza Lussemburgiża se tistabbilizza l-effetti tal-flussi ta' migrazzjoni mistennija fis-snin li ġejjin. Bħal fil-każ ta' kull liġi oħra, liġi bħal din fil-Parlament tiġi diskussa bil-Lussemburgiż imma tiġi abbozzata biss bil-Franċiż. L-istess bħalma l-liġi li tirrikonoxxi l-Lussemburgiż bħala l-lingwa nazzjonali (dik li għaddiet fl-1984) issib taqraha biss fil-verżjoni Franċiża. Kif qegħdin fiha, id-dokument taċ-ċittadinanza Lussemburgiża, il-passaport, jeżisti biss bil-Franċiż.

## Intervista mal-Kummissarju tal-Lingwa Marc Barthelemy

*l-aċċent* intervista lill-Kummissarju tal-Lingwa Lussemburgiża Marc Barthelemy. Il-kariga li jokkupa Barthelemy hi stabbilita b'liġi tal-2018 li tgħid li l-Kummissarju "irid jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-lingwa Lussemburgiża u jipproponi pjan ta' azzjoni lill-Gvern. Ladarba l-Gvern jadotta l-pjan ta' azzjoni, il-Kummissarju jkollu r-rwol li jimmonitorja u jikkordina l-implimentazzjoni tiegħu. Kull sena l-Kummissarju jħejji rapport dwar l-attivitajiet li jkunu seħħew dik is-sena u jista', jekk jintalab mill-Gvern inkella b'inizjattiva tiegħu stess, ifassal rapport tematiku."




© Patrik Bitomsky. Ministère de l'Éducation nationale, de l'Enfance et de la Jeunesse. Luxembourg

**Fl-2010 l-UNESCO ddikjarat il-Lussemburgiż bħala lingwa “vulnerabbli”. Taqbel ma’ dan?**

Is-sitwazzjoni tal-Lussemburgiż hija waħda pjuttost ambigwa. Minn banda, qatt ma kien hawn daqstant nies jitkellmuh: hemm numru dejjem jikber ta’ residenti barranin li jitgħallmuh, u ma’ dawn trid iżżid lil dawk, mill-pajjiżi ġirien, li kull filgħodu jiġu jaħdmu hawn u li jieħdu l-lezzjonijiet biex jitgħallmu l-Lussemburgiż. Mill-banda l-oħra, in-numru ta’ tfal li d-dar jitkellmu bil-Lussemburgiż qed jonqos.

Li hu żgur hu li l-Lussemburgiż mhux ilsien mhedded. Nistgħu ngħidu li potenzjalment jista’ jsir ilsien vulnerabbli, minħabba li s-suċċess tiegħu jiddependi mill-espansjoni ekonomika tal-pajjiż. Kieku dan it-tkabbir ekonomiku u demografiku kellu jibda jmajna – u mhux probabbli li dan isir – it-tixrid tal-ilsien Lussemburgiż minn hemm ukoll jgħaddi.

**Il-preżenza qawwija tal-Franċiż u tal-Ġermaniż kif tinfluwenza l-iżvilupp tal-Lussemburgiż (miktub u mitkellem)?**

Il-Lussemburgiż huwa lsien relattivament riċenti u għamel ħafna żmien ma jinkitibx, jew jinkiteb ftit li xejn. Kien djalett tal-familja tal-Mitteldeutsch tal-Punent (bħalma huwa l-Moselfränkisch), mitkellem fuq il-fruntiera bil-Ġermanofoni fuq naħa u l-Frankofoni fuq l-oħra. Il-qafas tal-lingwa huwa Ġermaniku, iżda l-vokabularju mogħni b’għadd ġmielu ta’ termini mill-Franċiż u anki ta’ Belġiċiżmi. Il-fatt li kull abitant fil-Lussemburgu juża l-Franċiż u l-Ġermaniż kuljum, tal-ewwel fl-amministrazzjoni u tal-aħħar fil-media, u li juża t-tnejn li huma biex jikkomunika mal-oħrajn, dejjem jimplika li se jinħolqu diversi termini minn lingwa jew mill-oħra, inkella, kif qed jiġri daż-żmien, mill-Ingliż. F’ħafna sitwazzjonijiet, il-Lussemburgiż għandu għażla kif irendi dak li jrid jgħid: jistrieħ iktar fuq il-Ġermaniż inkella jieħu iktar mill-Franċiż.

Madankollu, il-Lussemburgiż fih karatteristiċi partikulari li ma ssibhom f’ebda lsien ieħor ħlief f’xi idjoletti mitkellma fir-reġjuni ġirien.

**Fil-fehma tiegħek, x'inhi r-raġuni li twassal lill-barranin li jafu l-Franċiż u/jew il-Ġermaniż jitgħallmu l-Lussemburgiż ukoll?**

Is-suċċess tal-Lussemburgiż mal-immigranti jew ma' dawk l-eluf li kuljum jaqsmu l-fruntieri li jmissu mal-Belġju, ma' Franza u mal-Ġermanja għax-xogħol, jispjegawh żewġ fatturi:

- it-tfittxija għal xogħol fil-Gran Dukat, fejn spiss l-għarfien tal-Lussemburgiż jitqies vantaġġ, jekk mhux rekwiżit;
- l-akkwist taċ-ċittadinanza Lussemburgiża, li teżiġi l-għarfien tal-Lussemburgiż bħala obbligatorju bil-liġi.

**Mill-Università qegħdin jiggradwaw biżżejjed għalliema tal-Lussemburgiż?**

Le, għaliex il-kariga tal-għalliem tal-lingwa, bi speċjalità fil-Lussemburgiż, għadha friska. S'issa kienu jkunu l-għalliema tal-Ġermaniż li jieħdu ħsieb it-tagħlim tal-Lussemburgiż.

L-Università tal-Lussemburgu nħolqot fl-2003; naturalment dan ifisser li l-istrutturi tar-riċerka lingwistika fil-Lussemburgiż u l-istrutturi responsabbli mit-taħriġ tal-gradwati Universitarji fil-Lussemburgiż m'ilhomx stabbiliti. Qed jieħdu ż-żmien li għandhom bżonn biex jaslu f'punt fejn jibdew iwieġbu għal kif il-lingwa qed tevolvi fis-soċjetà tal-lum.

Ninsabu konxji sew mill-problemi li jeżistu biex inħarrġu biżżejjed għalliema. Hemm domanda kbira għal-lezzjonijiet tal-Lussemburgiż minn studenti adulti li jridu jitgħallmuh bħala lingwa barranija. Dan hu l-każ kemm fil-Gran Dukat kif ukoll fir-reġjuni li jmissu mal-fruntiera tiegħu.



**Wieħed mill-kompiti prinċipali bħala Kummissarju tal-Lingwa huwa li tfassal u li timplimenta pjan lingwistiku fuq 20 sena li jdur kollu kemm hu mal-Lussemburgiż. Tindikalna fiex se jkun jikkonsisti dan il-pjan?**

Qabelxejn, il-ħsieb hu li jiġi kkonfermat l-istatus u l-użu uffiċjali tal-Lussemburgiż.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-istatus uffiċjali tal-Lussemburgiż u tal-użu tiegħu fl-amministrazzjoni, tajjeb li wieħed jinnota li l-Lussemburgiż ilu mill-1984 il-lingwa nazzjonali tal-Lussemburgiżi. Flimkien mal-Ġermaniż u mal-Franċiż huwa wieħed mit-tliet ilsna amministrattivi tal-pajjiż. Il-Franċiż huwa l-lingwa leġiżlattiva, li jfisser li t-testi leġiżlattivi kollha u parti kbira mill-komunikazzjonijiet uffiċjali jinkitbu bil-Franċiż.

Fil-livell tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgiż mhuwiex meqjus lingwa uffiċjali. Meta nħolqot l-UE, il-Gvern tal-Gran Dukat ma kienx talab biex il-Lussemburgiż jiġi rikonoxxut bħala lingwa tal-Unjoni Ewropea. Dak iż-żmien ma kienx għad ingħatalu l-istatus li mbagħad akkwista fl-1984. Imbagħad terġa' għandek il-pajjiżi ġirien li lanqas biss jirrikonoxxuh bħala lingwa minoritarja.

Hu ppjanat li l-istatus tal-lingwi tal-pajjiż, li diġà hu regolat bil-liġi, jitniżżel fil-kostituzzjoni l-ġdida tal-Gran Dukat li qed tiġi diskussa bħalissa. Il-Gvern qed jaħseb għal proċess li jimmira li jirregola l-użu tal-Lussemburgiż fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Il-pjan ta' azzjoni se jingħaqad, bla dubju, ma' proposti oħra.

It-tieni aspett huwa dak tal-istandardizzazzjoni tal-lingwa Lussemburgiża, xi ħaġa li rridu nkomplu naħdmu fuqha.

Imbagħad il-pjan ta' azzjoni se jressaq proposti li jgħinu fl-iżvilupp tal-kreattività kulturali bil-Lussemburgiż, u li jsaħħu r-riċerka f'dan il-qasam.

Fl-aħħar nett, fil-qalba tiegħu l-pjan se jiffoka fuq it-tagħlim tal-Lussemburgiż, kemm fl-edukazzjoni bikrija kif ukoll f'dik tal-adulti. Għal ħafna snin il-Lussemburgiż ma kienx jiġi mgħallem, anki għaliex il-Lussemburgiżi stess ftit

Il-Kunsill Permanenti dwar il-Lingwa Lussemburgiża ġie stabbilit permezz tar-Regolament Gran Dukali tad-29 ta' Lulju 1999.

Huwa responsabbli għall-istudju, id-deskrizzjoni u t-tixrid tal-lingwa Lussemburgiża. Jikkoordina x-xogħol tad-diversi gruppi ta' ħidma li huma mitluba mill-Gvern għall-iżvilupp ta' dizzjunarji ġodda fil-Lussemburgu u ta' kull miżura li tista' tgħin biex titqajjem kuxjenza dwar il-lingwa.

Il-Kunsill jikkoordina:

◊ grupp ta' ħidma responsabbli għall-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-lingwa Lussemburgiża u, b'mod partikolari, għall-istabbiliment ta' ortografija simplifikata għal-Lussemburgu;

◊ task force li tfassal dizzjunarju prattiku tal-Lussemburgu;

◊ grupp ta' ħidma huwa responsabbli għat-tfassil ta' dizzjunarju multilingwi tal-Lussemburgu.

li xejn kienu jfittxuh meta jiġu biex jiktbu, u minflok iduru għall-Ġermaniż u l-Franċiż. Fl-istess ħin, għat-tfal u għaż-żgħażagħ li kienu jiġu jgħixu hawn, il-kuntatt mat-tfal tal-lokal kien ikun biżżejjed biex jibdew jifhmu u jitkellmu bil-Lussemburgiż.

Imma dan m'għadux il-każ. Għal ħafna żmien fost in-nies tal-post kien hemm ir-rieda li jintuża l-Lussemburgiż mar-residenti barranin. Imma l-għadd dejjem kbir ta' residenti ta' oriġini barranija qed jagħmilha iebsa biex dak li jkun jibqa' jassumi li bil-Lussemburgiż se jinftiehem. Fl-istess ħin, il-kelliema nattivi għandhom il-ħabta jaqilbu għal lingwa oħra kif jindunaw li dak li jkun qed isib diffikultà jesprimi ruħu bil-Lussemburgiż, xi ħaġa li l-barranin li jkunu jixtiequ jitgħallmu l-lingwa ma jiħdux gost biha.

Bla dubju, dan ma jfissirx li l-pjan ta' azzjoni se jkun qiegħed b'xi mod jikkunsidra li jimponi l-Lussemburgiż bħala l-uniku lsien tal-pajjiż.

Jekk il-Lussemburgiż huwa fattur ta' identità importanti għall-pajjiż, daqshekk ieħor huwa l-multilingwiżmu. Kulħadd jaqbel li hemm bżonn nibżgħu għat-tnejn: kemm għal-Lussemburgiż u kemm għall-multilingwiżmu tal-abitanti kollha tal-pajjiż.

**X'tip ta' investiment pubbliku qed isir biex dan il-pjan jidħol fis-seħħ, kemm bħala finanzi u kemm bħala riżorsi umani?**

Il-pjan ta' azzjoni mressaq lill-Gvern se jkun qed jistabbilixxi l-miżuri li jridu jittieħdu fis-snin li ġejjin, flimkien mal-baġit propost għalihom. Imbagħad f'idejn il-Gvern biex jiddeċiedi.

Il-pjan diġà jinvolvi numru ta' istituzzjonijiet li qed jirċievu finanzjament f'dan is-sens: iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Letteratura, iċ-Ċentru għal-Lussemburgiż, l-Istitut Nazzjonali tal-Lingwi, id-Dipartiment tal-Lingwa u tal-Letteratura Lussemburgiża tal-Università, il-Kunsill Permanenti tal-Lingwa Lussemburgiża, il-Bibljoteka Nazzjonali, l-Arkivji Nazzjonali, eċċ.

**Inkunu korretti jekk ngħidu li l-Lussemburgiż għandu ortografija u grammatika standardizzati? Jeżisti dizzjunarju uffiċjali?**

Iva, teżisti ortografija standardizzata. Jeżisti d-dizzjunarju elettroniku **www.lod.lu** li ġie żviluppat taħt it-tutela tal-Gvern u li, kif wieħed jista' jobsor, huwa multilingwi.

Jeżistu xi pubblikazzjonijiet marbuta mal-grammatika iżda għadna lura milli jkollna grammatika strandardizzata.

> "Jekk il-Lussemburgiż huwa fattur ta' identità importanti għall-pajjiż, daqshekk ieħor huwa l-multilingwiżmu."

**Nistgħu ngħidu li l-Lussemburgiż għadu lingwa primarjament mitħaddta, użat biss id-dar jew f'ambjent informali?**

Le, il-Lussemburgiż sar lingwa li kulma jmur qed tintuża iktar, anki fil-kitba.

Fuq naħa ssib il-popolazzjoni multilingwi li tagħżel il-Lussemburgiż bħala l-lingwa ta' komunikazzjoni komuni, inkluż fl-iskambji informali li jsiru fuq il-media soċjali. Bosta Lussemburgiżi qed jieħdu d-drawwa jiktbu anki bi lsien-hom.

Fuq in-naħa l-oħra, il-Lussemburgiż assuma rwol anki fl-iskambji uffiċjali miktuba. Xhieda ta' dan huma d-dibattiti fil-Kamra tad-Deputati li llum isiru esklużivament bil-Lussemburgiż; it-traskrizzjoni ssir kollha kemm hi bl-istess lingwa.

Il-komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-amministrazzjoni ta' spiss issir bil-Lussemburgiż; dan huwa l-każ ukoll fil-komunikazzjoni uffiċjali bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istat u dawk komunali.

**Tista' tispjega ftit xi rwoli jħaddnu l-ispeċjalisti tal-lingwa Lussemburgiża fil-Lussemburgu?**

Bla dubju hemm l-għalliema tal-Lussemburgiż, fid-diversi livelli ta' tagħlim tal-lingwa, kemm għat-tfal u kemm għall-adulti.

L-Università hemm ir-riċerkaturi; iċ-Ċentru għal-Lussemburgiż jistrieħ fuq l-ispeċjalisti tal-lingwistika u ċ-Ċentru Nazzjonali tal-Letteratura ingaġġa numru ta' esperti fil-letteratura tal-pajjiż.

Fil-Kamra tad-Deputati jeżisti servizz importanti biex dak li jiġi diskuss jinkiteb b'ortografija korretta. Kulma jmur, dan qed jiġri wkoll f'amministrazzjonijiet oħra. Kull dipartiment ministerjali jibgħat delegat fil-Kumitat Interministerjali li l-missjoni tiegħu tkun li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissarju [tal-Lingwa].

## Intervista mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

Dan is-suppliment speċjali jagħlaq b'din l-intervista ta' *l-aċċent* mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. It-tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħna huma tal-President tal-KNLM il-Prof. Joe Friggieri u tad-Direttur Eżekuttiv Thomas Pace.



Ritratt: David Schembri

Prof. Joe Friggieri

**Minkejja li l-Malti għadu l-lingwa dominanti fejn jidħol it-taħdit bejn il-Maltin, faċli wieħed josserva ż-żieda fil-fenomenu ta' kelliema li jaqilbu minn lingwa għal oħra. Dan hu evidenti fid-diskussjonijiet fuq il-mezzi tax-xandir u fil-mod kif xi ġenituri jkellmu lil uliedhom. Taħsbu li l-isfida biex l-ilsien Malti jissopravvivi qiegħda dejjem tikber?**

Huwa naturali li żewġ lingwi f'kuntatt jinfluwenzaw lil xulxin. L-Ingliż jinfluwenza lill-Malti u l-Malti jinfluwenza t-taħdit u l-kitba bl-Ingliż tal-Maltin, fil-varjetà li tissejjaħ "Maltese-English". S'hemm m'hemm xejn ħażin. Il-problema tkun jekk ma nibdewx nagħrfu aktar il-vokabularju mifrux tagħna, bi lsienna, u minfloku nibdew naqilbu għal-lingwa l-oħra u nużaw kliem bl-Ingliż (la fil-każ tagħna l-lingwa l-oħra f'kuntatt hija l-Ingliż) li ma nkunux neħtiġuh, u li nagħmlu rilessifikazzjoni bla bżonn.


Id-Direttur Eżekuttiv Thomas Pace

Il-qawwa tal-Ingliż bħala lingwa internazzjonali mifruxa nistgħu narawha, ngħidu aħna, fl-għadd kbir ta' kotba bl-Ingliż li nsibu fil-libreriji u l-ħwienet tal-kotba lokali. Madankollu, ta' min jinnota li l-għadd ta' kotba bil-Malti ppubblikati fl-aħħar snin f'diversi oqsma, kiber ħafna. Il-produzzjoni tal-ktieb Malti tjiebet u sbieħet ħafna f'kull aspett bis-saħħa tal-investimenti tal-pubblikaturi tagħna. Qed ikollna wkoll diversi xogħlijiet ta' awturi emerġenti u qed naraw għadd sabiħ ta' gruppi mużikali ta' żgħażagħ li jitħajru jiktbu l-lirika tagħhom bil-Malti. Il-Malti jintuża regolarment kemm bħala għodda ta' riċerka kif ukoll fil-kitba letterarja. L-interess fl-istudju tal-Malti huwa kbir u dan jixhduh l-għadd sabiħ ta' studenti li jattendu l-korsijiet tal-Malti fl-Università u r-reazzjonijiet li jkollna mill-pubbliku f'xogħolna.

F'dan kollu, il-ġenituri, l-għalliema, u l-mezzi tax-xandir għandhom dmir jifhmu l-importanza li jużaw iż-żewġ lingwi mingħajr taħlit bla bżonn. Il-Malti se jibqa' magħna u se jibqa' jinbidel bħal kull lingwa oħra. Din il-bidla l-poplu spiss iħossha ta' theddida. Il-fatt li jeżisti l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Akkademja tal-Malti, u għaqdiet oħra tal-lingwa, iservi ta' xprun biex il-Malti jibqa' jiffjorixxi.

**X'qed jagħmel il-Kunsill biex jippromwovi l-użu ta' Malti korrett, l-aktar fil-kitba, u biex il-Malti jżid fil-viżibbiltà tiegħu? Nixtiqukom tpoġġu t-tweġibiet fl-isfond tal-politika lingwistika li l-Kunsill hu marbut li "jiżgura l-implimentazzjoni effettiva u fidila tagħha".**

Il-Kunsill tal-Malti jwettaq skrupolożament id-dmirijiet imsemmija fl-Att dwar l-Ilsien Malti. Dan jagħmlu mhux biss bil-pubblikazzjoni ta' materjal li jservi ta' gwida għall-mod kif għandu jinkiteb il-Malti fiċ-ċirkostanzi tal-lum, imma wkoll permezz tal-ħidma tad-diversi Kumitati Tekniċi stabbiliti fi ħdanu.

Dawn huma l-Kumitat tat-Terminoloġija u t-Traduzzjoni, il-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Kumitat tal-Media, il-Kumitat tar-Riċerka Lingwistika, il-Lessikografija u l-Ortografija, il-Kumitat tal-Malti fl-Informatika, il-Kumitat tal-Malti fil-Qasam tal-Mużika u l-Ispettaklu, u l-Kumitat tal-Letteratura u l-Pubblikazzjoni. Dawn il-Kumitati huma magħmulin minn nies esperti fil-qasam tagħhom li għandhom kuntatt dirett mal-mod kif jitħaddem il-Malti fid-diversi oqsma tal-kompetenza tagħhom u mal-iżvilupp tal-Malti fil-ħajja ta' kuljum.




Aħna nagħmlu dan ix-xogħol "bil-kelma t-tajba" u billi nikkonsultaw mal-pubbliku u ma' kull min hu interessat. Il-proġetti konkreti li daħal għalihom il-Kunsill jinkludu l-aġġornament tas-senjaletika ta' madwarna u f'diversi binjiet pubbliċi biż-żewġ lingwi, żjajjar kontinwi fl-iskejjel u laqgħat ta' aġġornament għall-għalliema, l-organizzazzjoni tal-korsijiet fil-qari tal-provi id f'id mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università u ta' korsijiet oħra fil-kitba tal-Malti mal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, kollaborazzjoni mal-Awtorità tax-Xandir li qed tissarraf f'għajnuna u f'korsijiet għax-xandara u l-ġurnalisti, l-iżvilupp ta' terminoloġija f'oqsma li fihom il-Malti għadu mhux daqstant żviluppat, l-iżvilupp ta' għodod diġitali bi sħab mal-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa, u – fuq kollox – kollaborazzjoni ma' kull min juża l-Malti fil-post tax-xogħol, fosthom il-pubblikaturi lokali, l-awturi, il-qarrejja tal-provi, u t-tradutturi tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
kunsilltalmalti@gov.mt

L-Università ta' Malta
Id-Dipartiment tal-Malti
provi-malti.arts@um.edu.mt




**Il-Malti huwa wieħed mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant id-dokumenti uffiċjali jiġu tradotti bil-Malti. Fuq livell ġenerali, kemm taħseb li dan l-iżvilupp influwenza l-użu tal-Malti f'Malta?**

Huwa importanti ħafna li dawn it-traduzzjonijiet jibqgħu jsiru għax b'hekk il-Malti jibqa' jitħaddem formalment fl-ogħla livelli tal-istituzzjonijiet Ewropej. Huwa sabiħ li tara l-Malti jintuża mhux biss fil-pubblikazzjonijiet legali imma wkoll f'tant pubblikazzjonijiet interessanti oħra fuq temi varji, li saħansitra jintużaw ukoll fl-iskejjel lokali. Aħna napprezzaw ħafna l-isforzi serji li jagħmlu t-terminologi Maltin għall-aħjar għażla tal-kelma, ngħidu aħna, billi jikkunsidraw lingwi oħra, jirriċerkaw f'kotba li jkunu ħarġu għall-konsistenza u jistaqsu nies esperti fis-suġġetti li jkunu qed jittraduċu.

Il-Kunsill jagħti sehmu wkoll meta dawn jiltaqgħu ma' xi diffikultà. Dan il-kuntatt ta' bejnietna nqisuh importanti għax l-iżvilupp tat-terminoloġija bil-Malti mill-istituzzjonijiet Ewropej jgħin ħafna lokalment għall-kitba bil-Malti, l-aktar f'dawk l-oqsma li fihom il-Malti għadu mhux daqstant żviluppat jew fil-każ ta' termini internazzjonali ġodda li jkunu għadhom deħlin fi lsienna. Il-fatt li t-traduzzjoni tal-UE tkopri daqstant oqsma huwa ta' vantaġġ għal ilsienna għax ikompli jiżviluppa l-vokabularju tiegħu. Riżorsa aċċessibbli bħall-IATE, tgħinna lokalment naraw x'termini jkunu qed jintużaw f'oqsma speċjalizzati.

**L-Istat qed joffri biżżejjed riżorsi, anke finanzjarji, għall-iżvilupp tal-ilsien Malti?**

Fl-aħħar snin, minbarra r-riżorsi finanzjarji limitati mgħoddija lill-Kunsill tal-Malti, rajna investiment qawwi, ngħidu aħna, fil-Kunsill tal-Ktieb u fl-Aġenzija tal-Litteriżmu. Dawn ilkoll wasslu għall-pubblikazzjoni ta' aktar kotba sbieħ u varjati bil-Malti għal udjenzi ta' etajiet differenti. Il-libreriji u l-iskejjel tal-Istat huma mgħammrin b'għadd sabiħ ta' kotba ġodda bil-Malti.

Imma huwa importanti ħafna wkoll li l-Malti narawh miktub aktar madwarna mal-Ingliż. F'pajjiż bilingwi jixraq li ż-żewġ lingwi jintużaw f'kull ħaġa uffiċjali. Sfortunatament għad għandna l-maġġoranza tas-siti elettroniċi tal-Ministeri tal-Gvern bl-Ingliż biss. Fil-bini tal-ministeri għadek issib is-senjaletika kollha bl-Ingliż. Mis-settur pubbliku għadhom jinħarġu dokumenti sħaħ u abbozzi għall-konsultazzjoni pubblika bl-Ingliż biss. Għadhom jitniedu inizjattivi (kampanji u programmi pubbliċi) b'isem Ingliż biss u bir-reklamar fuqhom mingħajr il-Malti. Huwa hawn ukoll fejn l-Istat għandu joffri aktar riżorsi umani u finanzjarji lid-dipartimenti diversi tiegħu biex ikun hemm impjegati kompetenti u aġġornati fiż-żewġ lingwi li jistgħu jgħinuh iżid il-bilingwiżmu madwarna ħalli l-lingwa nazzjonali tagħna tkun aktar viżibbli. Jekk il-Malti ma narawhx madwarna daqs l-Ingliż, issirilna naturali li nużaw aktar il-kliem bl-Ingliż għax dak inkunu qed nirreġistraw inkonxjament.

Fid-dawl ta' dan, il-Malti għadu nieqes minn ċekkjatur diġitali li jserraħ ras dak li jkun jixtieq jikteb xi ħaġa bla nuqqasijiet. Din riżorsa meħtieġa ħafna li tagħmel il-pubbliku aktar kunfidenti juża l-Malti fil-kitba. Barra minn hekk, hemm bżonn ukoll investiment f'numru ta' għodod diġitali li diġà ġew żviluppati għall-Malti imma li għandhom bżonn jibqgħu jiġu aġġornati u mirquma. Huma meħtieġa wkoll ħafna aktar riżorsi diġitali bil-Malti għat-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Fid-dinja teknoloġika tal-lum, uliedna u wlied uliedna jqattgħu ħafna ħin fuq l-internet jew jużaw l-apps mit-tablets. Importanti li jkun hawn aktar materjal bil-Malti aċċessibbli bla ħlas.

Fl-Att dwar l-Ilsien Malti (Art. 3), l-Istat Malti jimpenja ruħu bil-miktub li: "jagħraf fl-ilsien Malti espressjoni qawwija tan-nazzjonalità tal-Maltin, u għalhekk jagħtih l-għarfien xieraq u meħtieġ kollu billi jagħraf l-importanza tiegħu fil-prinċipju u fil-prattika, u jgħasses biex dan l-ilsien ma jitħassarx u ma jintilifx."

Insibu wkoll li:

"l-Istat Malti jippromwovi b'kull mezz possibbli l-akbar użu tal-ilsien Malti fl-edukazzjoni, fix-xandir u fl-istampa, fil-qrati, u fil-ħajja politika, amministrattiva, ekonomika, soċjali u kulturali."

Il-Malti jingħata spinta kbira 'l quddiem jekk l-organi kollha tal-Istat jaħdmu flimkien biex jitwettqu dawn l-għanijiet.

*Ħadmu fuq dan is-suppliment it-tradutturi Marija Agius, Alan Delia u Louise Vella.*

**Referenzi**

Id-Dipartiment tal-informazzjoni — www.doi.gov.mt
Delano, Rivista Lussemburgiża bl-Ingliż, April 2017
Il-portal uffiċjali tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż — http://luxembourg.public.lu/en/index.html.
Fick, Maurice. "La langue luxembourgeoise «est plus utilisée que jamais»" 2017. — https://www.cpll.lu/la-langue-luxembourgeoise-est-plus-utilisee-que-jamais/
Elsen, Frank. "Promoting and nurturing the Luxembourgish language" 2019. — https://today.rtl.lu/news/luxembourg/a/1331059.html
Is-sit tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, tat-Tfal u ż-Żgħażagħ — http://www.men.public.lu/fr/fondamental/index.html.
"Eurobarometer (2012) Europeans and their Languages" — https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/archives/ebs/ebs_386_en.pdf
Is-sit taċ-ċentri pubbliċi tal-indukrar tat-tfal (childcare centres) — https://www.vdl.lu/en/living/aid-and-assistance/families/municipal-creches.
Intervisti mal-Kummissarju tal-Lingwa:
https://www.lequotidien.lu/politique-et-societe/un-commissaire-a-la-langue-luxembourgeoise/
https://paperjam.lu/article/news-marc-barthelemy-commissaire-a-la-langue-luxembourgeoise
http://www.jeuxvideo.com/forums/42-51-58655004-1-0-1-0-marc-barthelemy-le-francais-est-en-perte-de-vitesse-au-luxembourg.htm
https://today.rtl.lu/news/luxembourg/a/1251900.html
https://www.justarrived.lu/en/practical-information/medias-luxembourg